MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2003

Talba Numru. 916/2002/1

**GasanMamo Insurance Agency Limited u din ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta estera CGU Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha ITEC Limited u l-istess ITEC Limited**

**Vs**

**Melvin Grech u Carmel Vella**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta' sitt mija u tlieta u hamsin lira Maltija u wiehed u ghoxrin centezmu (Lm653.21), in kwantu ghas-somma ta' Lm628.21 lis-socjeta attrici assikuratrici u in kwantu ghas-somma ta' Lm25 lis-socjeta attrici l-ohra ITEC Limited rapprezentanti danni li sofrew meta l-konvenut Melvin Grech waqt li kien qed isuq il-vetturi bin-numru KBD 448 fil-21 ta' Dicembru 2000 gewwa n-Naxxar

habat mal-vettura numru LAW 961 propjeta tas-socjeta ITEC Limited u kkaguna danni f’din l-istess vettura, li fil-hin ta’ l-incident kienet ipparkjata. Dan l-incident huma unikament responsabbli ghalih il-konvenuti jew min minnhom.

Ra r-risposta tal-konvenuti li permezz taghha kkontestaw ir-responsabbilta ghall-incident.

Semgha x-xhieda.

Ra l-atti.

Ikkunsidra:

1. Il-fatti tal-kaz huma s-segwenti:

(a) L-incident sehh f’21st September Avenue, Naxxar.

(b) Il-vettura numru LAW 961 [propjeta tas-socjeta attrici] kienet ipparkjata fit-triq fejn sehh l-incident.

(c) Il-vettura tal-marka Hyundai bin-numru KBD 448 misjuqa mill-konvenut Melvin Grech kienet qeghda tinstaq mid-direzzjoni tal-Mosta u baqghet diehla fil-vettura numru LAW 961. Min-naha l-ohra x-xarabank FBY 785 kienet qeghda tinstaq fid-direzzjoni tal-Mosta.

(d) Il-vettura misjuqa minn Melvin Grech halliet brejk marks ta’ 16.5 metri [ara skizz a fol. 23].

(e) Id-danni fil-vettura LAW 961 huma ta’ Lm653.21 [ara dokumenti ezebiti a fol. 25 sa 35 tal-process].

2. Kif jigri f’hafna kazijiet li jinvolvu incident tat-traffiku, il-verzjonijiet li jaghtu s-sewwieqa jkunu kontrastanti.

Il-verzjoni moghtija mill-konvenut Melvin Grech lill-pulizija hija: *“kont gej min-naha tal-Mosta sejjer lejn in-Naxxar*

*kien hemm vettura ipparkjata fuq il-lemin tieghi bin-numru DAC 135 u f'daqqa wahda kif wasal fuq iz-zebra cross tal-private numru FBY 785 qabez ghal fuq il-lane tieghi ma hallilix spazju bizzejjed sabiex inkun nista' nghaddi zammejt il-break sabiex nipprova nevita l-habta izda kien kollu ta' xejn ghax dhal gol vettura li kienet ipparkajta"*.

Il-verzjoni moghtija mill-konvenut Carmel Vella lill-pulizija hija: *"huwa kien gej mid-direzzjoni tan-Naxxar sejjer lejn il-Mosta kien hemm vettura ipparkjata fuq in-naha tax-xellug tieghu qabez l-imsemmija vettura minn fuq in-naha tal-lemin u kif qbist il-vettura li kienet ipparkjata u kont diehel ghal fuq in-naha tax-xellug tieghi giet il-vettura KBD448 minn faccata tilef il-kontrol tal-vettura u dahal gol vettura li kienet ipparkjata fuq in-naha l-oha tat-triq. Ix-xufier tal-private qal ukoll li huwa ma kienx involut fl-imsemmi incident"* [fol. 22].

3. Wara li t-Tribunal qies il-provi li tressqu quddiemu kif ukoll il-wisa' tat-triq fejn sehh l-incident, huwa tal-fehma li sabiex ix-xarabank misjuq minn Carmel Vella seta' ighaddi ma' gemb il-vettura li kienet ipparkjata fuq ix-xellug tieghu, kellu ta' bilfors jinvadi l-karreggjata li minnha kien ghaddej il-konvenut l-iehor Melvin Grech. Huwa maghruf li *"il-fatt li driver ikun isuq, minflok fuq ix-xellug tat-triq kif iridu r-regolamenti, fuq il-crown of the road ma hux deciziv ghas-soluzzjoni tal-kwistjoni dwar liema driver huwa l-htija ta' kollizzjoni li tigri"* (Vol. XXXVII.iv.137). Il-konvenut Carmel Vella pprova jiggustifika ruhu ghal din il-manuvra bil-fatt li kien hemm vettura pparkjata fuq ix-xellug tieghu. Huwa fatt li f'dik il-parti tat-triq huwa pprojbit li jipparkjaw vetturi. Madankollu, fil-fehma tat-Tribunal ix-xufier tax-xarabank, qabel ma jaghmel din it-tip ta' manuvra kellu jara li b'din il-manvra ma kienx ser ikun ta' perkilu ghall-vetturi gejjin mid-direzzjoni tal-Mosta. Ghaldaqstant, rinfaccjat b'sitwazzjoni fejn huwa kellu jmur parti *wrong side* b'mod li kien ser jinvadi l-karreggjata li minnha kien ghaddej il-konvenut l-iehor, kellu l-obbligu li jipprocedi b'attenzjoni u jkun cert minn qabel li seta' jigi jerga' jidhol fuq in-naha tieghu tat-triq qabel ma jilhaq it-traffiku li kien tiela' mill-Mosta (ara f'dan is-sens is-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza

fl-ismijiet **Michael Mifsud vs John Farrugia** deciza fil-5 ta' Ottubru 1993) Il-konvenut Carmel Vella xehed li l-ewwel darba li ra l-vettura Hyundai KBD 448 kien xi tul ta' zewg xarabanks (seduta tal-25 ta' Ottubru 2002). It-Triq 21st September Avenue, Naxxar hija dritt u fil-fehma tat-Tribunal kieku l-konvenut Carmel Vella kien qieghed izomm proper lookout, messu ra l-vettura misjuqa mill-konvenut l-iehor ferm qabel. Issir riferenza ghall-kawza fl-ismijiet **Lawrence Caruana vs Anthony Falzon** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-5 ta' Ottubru 2001. F'dik il-kawza l-konvenut kien mar fuq in-naha l-ohra tat-triq minhabba l-prezenza ta' gandott. Il-Qorti ta' l-Appell issottolinejat: *"stabbilit allura illi l-konvenut appellant zgur kien kompletament fuq in-naha l-hazina tat-triq u mhux sempliciment on the crown of the road u stabbilit ukoll illi t-triq fejn gara l-incident kienet wahda li tipprovdi viswali tajba u fit-tul, tinholoq prezunzjoni iuris tantum li l-htija ghas-sinistru kellha tkun akkollata fuq il-konvenut li invada t-triq ta' l-attur, salv illi l-istess konvenut jipprova li ma kienx is-sewqan tieghu illi pprovoka s-sinistru jew li kien il-kawza prossima u immedjata tieghu"*.

4. Min-naha l-ohra t-Tribunal ma jistax jezonera kompletatament mill-htija lill-konvenut Melvin Grech, u dan peress li bis-sewqan tieghu huwa qieghed lilu nnifsu fil-posizzjoni li hekk kif inholqot l-emergenza subitaneja ma kienx f'posizzjoni li jikkontrolla s-sewqan tieghu. Fil-fehma tat-Tribunal il-konvenut Melvin Grech kien qieghed isuq b'velocita iktar milli tippermetti l-ligi f'lokalita abitata, iktar u iktar meta huwa kien riesaq lejn zebra crossing.

5. Fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz it-Tribunal qieghed jakkolla tlett kwarti mit-tort fuq il-konvenut Carmel Vella u kwart fuq il-konvenut l-iehor Melvin Grech.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal qieghed jaqta' u jiddecidi l-kawza billi jiddikjara li l-konvenuti huma responsabbli ghall-incident li sehh fil-21 ta' Dicembru 2000 fi 21st September Avenue, Naxxar u jikkundannahom ihallsu lill-atturi s-somma komplessiva ta' sitt mija u tlieta u hamsin lira Maltija u wiehed u ghoxrin centezmu (Lm653.21) fil-

proporzjon fuq indikat, bl-imghax mid-data ta' notifika ta' l-avviz tat-talba.

L-ispejjez kollha huma ghak-karigu tal-konvenuti skond il-grad ta' htija akkollatta fuq kull wiehed minnhom.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------